



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, l-20 ta' Settembru 2021

L-UE mhijiex qed tagħmel biżżejjed biex tistimula l- investimenti sostenibbli

It-tranżizzjoni għal ekonomija b'emissjonijiet zero netti se tirrikjedi investiment privat u pubbliku sinifikanti, iżda l-UE mhijiex qed tagħmel biżżejjed biex il-fondi jingħaddu għal attivitajiet sostenibbli. Din hija l-konklużjoni ta' rapport speċjali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) li jstieden lill-UE biex tiegħu azzjoni aktar konsistenti. Il-Kummissjoni Ewropea ffukat għustament fuq iż-żieda fit-trasparenza fis-suq, iżda l-awdituri jikkritikaw in-nuqqas ta' miżuri ta' akkumpanjament li jindirizzaw l-ispiża ambjentali u soċjali tal-attivitajiet ekonomiċi mhux sostenibbli. Skont ir-rapport, jeħtieġ li l-Kummissjoni tapplika kriterji konsistenti biex tiddetermina s-sostenibbiltà tal-investimenti baġitarji tal-UE u timmira aħjar l-isforzi biex jiġu ġġenerati opportunitajiet ta' investiment sostenibbli.

“L-azzjonijiet li ttiegħdu mill-UE f'dak li jirrigwarda l-finanzi sostenibbli mhux se jkunu effettivi bis-sħiħ sakemm ma jittiħdux miżuri addizzjonali biex jittiegħed kont tal-ispejjeż ambjentali u dawk soċjali tal-attivitajiet mhux sostenibbli”, qalet Eva Lindström, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. *“In-negozju mhux sostenibbli għadu profittabbli wisq. Il-Kummissjoni għamlet ħafna biex dan in-nuqqas ta' sostenibbiltà jsir trasparenti, iżda din il-problema sottostanti għad trid tiġi indirizzata”.*

Il-kwistjonijiet prinċipali huma li s-suq ma jiġi kont tal-effetti ambjentali u soċjali negattivi tal-attivitajiet mhux sostenibbli, u li hemm nuqqas ġenerali ta' trasparenza dwar dak li huwa sostenibbli. L-awdituri jgħidu li l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli tal-2018 tal-Kummissjoni indirizza dawn il-kwistjonijiet parzjalment biss; ħafna miżuri kienu suġġetti għal dewmien u jirrikjedu passi ulterjuri biex isiru operazzjonali. L-awdituri jenfasizzaw il-ħtieġa li l-pjan ta' azzjoni jiġi implimentat bis-sħiħ u jissottolinjaw l-importanza li s-sistema ta' klassifikazzjoni komuni għall-attivitajiet sostenibbli (it-Tassonomija tal-UE) tiġi kkompletata abbażi ta' kriterji

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

xjentifiċi. Huma jirrakkomandaw miżuri addizzjonali biex jiġi żgurat li l-ipprezzar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jirrifletti aħjar l-ispiża ambjentali tagħhom.

Ir-rapport jenfasizza wkoll ir-rwol importanti li l-BEI għandu fil-finanzjament sostenibbli. Fir-rigward tal-appoġġ finanzjarju tal-UE li huwa mmaniġġjat mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), l-awdituri sabu li l-appoġġ ipprovdut mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) ma kienx iffukat fuq ir-regġuni fejn l-investment sostenibbli huwa l-aktar meħtieġ, b' mod partikolari fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Barra minn hekk, parti żgħira ħafna biss intefqet fuq l-adattament għat-tibdil fil-klima. Biex dan jinbidel, huma jirrakkomandaw li l-Kummissjoni, f' kooperazzjoni mal-Istati Membri, tiżviluppa riżerva ta' proġetti sostenibbli.

Fl-aħħar nett, l-awdituri sabu wkoll li l-baġit tal-UE ma segwiex bis-sħiħ prattika tajba dwar finanzi sostenibbli u huwa nieqes minn kriterji konsistenti bbażati fuq ix-xjenza biex tiġi evitata ħsara sinifikanti lill-ambjent. Huwa biss fil-programm InvestEU li l-investimenti jiġu vvalutati skont standards soċjali u ambjentali li huma komparabbli ma' dawk użati mill-BEI. Dan iġib miegħu r-riskju li kriterji li mhumiex suffiċjentement stretti jew li huma inkonsistenti jistgħu jintużaw biex tiġi ddeterminata s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali tal-istess attivitajiet iffinanzjati minn programmi differenti tal-UE, inkluż il-fond tal-UE għall-irkupru. Barra minn hekk, ħafna mill-kriterji użati għat-traċċar tal-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-oġettivi klimatiki mhumiex stretti u bbażati fuq ix-xjenza daqs dawk żviluppatti għat-Tassonomija tal-UE. Għalhekk, l-awdituri jirrakkomandaw li l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" jiġi applikat b' mod konsistenti fil-baġit kollu tal-UE, kif jenħtieġ li jiġu applikati wkoll il-kriterji tat-Tassonomija tal-UE.

Ir-rapport tal-awditjar se jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli tal-2021, li ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni fil-bidu ta' Lulju.

Informazzjoni ġenerali

Ħafna attivitajiet ekonomiċi fl-UE għadhom intensivi fl-użu tal-karbonju. Skont il-Kummissjoni, biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 se jkun meħtieġ investment annwali addizzjonali ta' madwar EUR 350 biljun fis-sistema tal-enerġija waħedha. L-esperti stmaw li l-ilħuq tal-mira ta' emissjonijiet żero netti fl-UE sal-2050 ikun jirrikjedi nefqa kapitali totali ta' madwar EUR 1 triljun kull sena fil-perjodu 2021-2050. Minn dan l-ammont, l-appoġġ finanzjarju tal-UE attwalment jista' jgħin biex jiġu pprovduti aktar minn EUR 200 biljun kull sena fil-perjodu 2021-2027. Dan juri kemm id-diskrepanza fl-investment hija kbira, u juri li l-fondi pubbliċi waħedhom mhux se jkun biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet ta' hawn fuq.

Taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, l-UE qed tippjana li tappoġġa l-investment pubbliku u privat billi talloka mill-inqas 30 % tal-baġit tal-UE għall-azzjoni klimatika. Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkollhom jallokaw mill-inqas 37 % tal-fondi li jirċievu taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-fond tal-UE għall-irkupru") biex jappoġġaw l-azzjoni klimatika.

InvestEU, li huwa s-suċċessur tal-FEIS, huwa l-mekkaniżmu l-ġdid ta' appoġġ għall-investment, immaniġġjat mill-BEI, għall-mobilizzazzjoni tal-investment privat fi proġetti ta' importanza strateġika għall-UE. Fil-mument, l-arranġamenti ta' rappurtar għall-InvestEU ma jinkludux ir-riżultati reali relatati mal-klima u l-ambjent tal-proġetti li fuqhom huma bbażati l-operazzjonijiet finanzjarji u ma jiddivulgawx l-ammonti tal-finanzjament tal-InvestEU li jiġu traċċati skont il-kriterji tat-Tassonomija tal-UE.

Ir-Rapport Speċjali Nru 22/2021: “*Finanzi sostenibbli: Jeħtieġ li l-UE tieħu azzjoni aktar konsistenti biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid lejn investment sostenibbli*” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502